**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. Anna Mallia**

**Seduta tal-25 ta' Jannar, 2019**

**Avviz nru: 100/2016 AM3**

**Numru fuq il-lista: 35.**

**Impel Communications Company Limited**
**Trejqet il-Vitorja,**
**Birkirkara By Pass**
**Birkirkara**

**Vs**

**Alfen Trading Company Limited**
**96, Triq San Guzepp,**
**Hamrun**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezenta mis-socjeta' attrici fit-22 ta' Marzu, 2016 li permezz tieghu talbet minghad is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' elfejn tmien mija u sebgha u hamsin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,857.92c) ghal servizz ta' reklamar lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu tal-intimata stess.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta a fol 8 li permezz tieghu eccepiet li l-ammont rikjamat mhux dovut u dan stante li s-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici ma kienu dak miftiehma; li minkejja li r-reklami kienu gew mghoddija lis-socjeta' attrici din ma

trasmettithomx kif kien miftiehm u dawn dehru mhux cari u taw 'image' hazina lis-socjeta' konvenuta; li minkejja diversi talbiet min-naha tas-socjeta' konvenuta s-socjeta' attrici qatt ma rrangat l-izbalji u dan wassal biex is-socjeta' konvenuta tordna li tali avvizi jitwaqfu; li l-ammont rikjamat jinkludi l-vat li tieghu qatt ma nharget ircevuta; li tali azzjoni hija preskritta skont l-Artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

A fol 10 is-socjeta' konvenuta rtirat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u ghalhekk dan it-Tribunal mhux qed jiehu konjizzjoni ta' din l-eccezzjoni.

A fol 20 Jean Claude Micallef in rapprezentanza tas-socjeta' attrici xehed li fis-06 ta' Ottubru, 2014 is-socjeta' konvenuta ffirmat ftehim ta' reklamar mas-socjeta' attrici fuq il-programm tat-televizjoni 'Distinti' li permezz tieghu hija xtrat tnejn u hamsin reklam ta' hmistax-il sekonda il wiehed. Il-produzzjoni tar-reklam kellha ssir mis-socjeta' konvenuta stess. Tali ftehim kien jinkorpora wkoll 'product placement' billi l-crew ta' 'Distinti' kien jattendi l-hanut ta' Alfen Trading minn fejn kienu jintwerew filmata. Is-somma totali ta' dawn ir-reklami kienet ta' elfejn disa' mija u hamsin ewro (€2,950) li minnhom fadal bilanc dovut ta' elfejn tmien mija u sebgha u hamsin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,857.92c). Micallef jghid li saru diversi tentattivi sabiex il-kumpanija konvenuta thallas il-bilanc dovut izda kien kollu ta' xejn u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

A fol 72 in kontro-ezami Micallef xehed li huwa ma jaqbilx li r-riklami ma hargux kif suppost. Huwa kellu problema bir-reklam li kellu u huma offrew li jghinuh fiha. Huwa talabhom ghal darba darbtejn u fejn setghu jghinuh ghenuh pero' ma kienux miftehma li jirdu jipproduculu r-reklam huma. Kien huwa li ma ghaddilhomx ir-reklam korrett u huma da parti taghhom irrangawh u xxandar kemm il-darba. Is-servizz skont hu inghata fit-totalita' tieghu anzi marru oltre. Huwa jichad li kien hemm xi forma ta' barter mas-socjeta' konvenuta. Meta mistoqsi kif hargu r-reklami meta dawn ma kienux approvati minn Etienne Fenech Micallef wiegeb li Fenech ilmenta biss meta talbuh ihallas.

A fol 30 fl-affidavit tieghu Etienne Fenech li s-socjeta' konvenuta hija kumpanija tieghu u ghandu kumpanja ohra All Winds li timporta dghajjes u dinghies. Huwa jammetti li kien hemm ftehim mas-socjeta' attrici u li huwa ghaddielha l-adverts izda qatt ma gew murija kopja ta' kif dawn kienet ser jigu aired ghax huma kienu bl-intendiment li dawn

kienu ser jigu aired kif kienu baghtuhom. Dan kien il-ftehim bejniethom. Izda gara l-adverts ma kienux dak li kienu ghaddewlhom u l-avvizi li dehru ma kienu professjonali xejn u di piu dan kien tgerfixa u aktar ghamel hsar milli gid liz-zewg kumpaniji taghhom. Barra minn hekk l-adverts li gew imtella kienu mimlija difetti u swew biex tefghu dell ikrah fuq il-kumpanija tieghu. Huwa kien kiteb personalment fit-03 ta' Frar, 2015 lis-socjetarja tal-kumpanija attrici dwar dan ghal aktar minn darba u Jean Claude Micallef ghas-socjeta' attrici kien irrisponda li 'we have always worked on the guidelines given and when instructed commissioned the changes. May I point out that we have carried the editing while incurring the costs ourselves avoiding extra expenses to Alfen Trading. We have aired two adverts throughout (one of All Winds & another of Alfen as instructed)…" izda Micallef qatt ma resaq lejn l-ufficcju taghhom biex isolvu din il-problema.

In kontro-ezami fol 65 et Fenech xehed li l-ftehim kien li jipprezenta r-reklam huwa li pprepara huwa u jixxandar kif ezatt ipprogettah hu. Huwa jichad li sar pagament akkont izda li gara kien li s-socjeta' attrici kienet xtrat stand minghandu li ma thallasx. Huwa jammetti li dan il-materjal ghal dan ir-reklam kien ghaddieh xi gimgha tard. Huwa jammetti li fil-booking form a fol 15 l-ftehim kien li huwa kellu jipprovdi l-materjal u li l-ilment tieghu kien li r-reklami li tahom huwa huma xandruh hazin – bidlu kollox minn kif tahulhom hu. Huwa kellu jikkancella r-reklami ghax ra dawn ir-riklami. Huwa pprezenta CD tar-riklami kif suppost hargu u r-ritratti ta' kif hargu.

A fol 90 Etienne rega xehed Etienne Fenech u pprezenta diversi e-mails li ghaddew bejnu u bejn Maria Mallia u Jean Claude Micallef tas-socjeta' attrici dwar l-ilmenti tieghu fuq ir-riklami u l-hlas mitlub mis-socjeta' attrici. Huwa zid jghid li huwa taht tlett settijiet ta' images, l-ewwel sett hargu tajbin u z-zewg settijiet l-ohra hargu kollha hziena u dan kien l-izball minn naha tas-socjeta' attrici temm jghid ix-xhud.

Ra d-dokumenti kollha esebiti mill-partijiet

Semgha t-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fejn l-avukat tas-socjeta' attrici rrimettiet ruhha ghal provi li jirrigwardaw ftehim bejn il-partijiet filwaqt li l-avukat tas-socjeta' konvenuta rrilevat li kien hemm 3 sets of advertising, tnejn hargu tajbin u wiehed le u ghalhekk is-socjeta' konvenuta ma ghandhiex thallas l-ammont kollu mitlub izda pro rata.

Ikkonsidra,

Illi dan huwa ftehim ta' appalt bejn il-partijiet ghal servizzi ta' reklamar u a fol 17 skont il-ftehim li ffirmat is-socjeta' konvenuta jghid li: "*The production of any TVC commercial is to be handed by the advertise to Impel Communications at least a week prior the desired air-date to guarantee on-time issuing. Impel have the liberty to air and place the adverts in any way they deem fit.*"

Illi f'materja kontrattwali:

(a) l-ftehim hu ligi ghal partijiet kontraenti (Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili; " **Carmelo Bajjada noe vs Fr Saviour Cachia et noe" (Appell Kummercjali 16 ta' Lulju 1973);**

(b)Hi regola li l-kuntratti jigu ezegwiti bil-bona fidi (artikolu 993 Kodici Civili; **vol XXI P1 p283);**

(c) Hi ukoll regola ben affermata li kontra l-miktub mhumiex ammissibbli provi mhux miktuba (*Contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufertur*")

B'danakollu "*e' indubitato altresi che per diritto robatorio si ammette la prova testimonial allo scopo di chiarire le oscurita, le ambiguita e la incertezza dell'atto contrattuale per rendere palese quale sia stata l'intenzione dei contraenti; oiche' in tale caso non si tratterebbe di prova orale in contraddizione od in aggunta alla prova scritta, ma si tratterebbe invece di prova testimonial tendente a confermre il contenuto dell'atto scritto ed a dimostrare la vera intenzione dei contraenti che da quell'atto, senza il sussidio della prova testimonial, potrebbe risultare oscura od apparire incera o ambigua*" (**Vol XXV P1 p 150)**

Fil-kaz ta' **Terence Mirabelli vs James Schembri deciza fil-31 ta' Jannar, 2003 intqal** li: "In materja ta' kuntratti l-principju baziku jibqa dak li "pacta sunt servanda". Dan in kwantu l-kuntratt ghandu sahha ta' ligi ghal dawk li jaghmluh (Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili) u ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mil-ligi maghrufa (Artikolu 992(2) tal-Kodici Civili). Inoltre hu mistenni li dan jigi esegwit bil-bona fidi u in effetti jobbliga mhux biss ghal dak li jinghad fih izda ukoll ghal konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha, bl-ekwita', bl-uzu jew bil-ligi (Artikolu 993 Kap 16).

Ir-regola la fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skont l-uzu fiz-mien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghal-interpretazzjoni (Vol XXXIV.i.pg27). L-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-att innifsu u mhux minn provi estraneji specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattivi ghal kwisjtoni principali.

Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx mal-intenzjoni tal-partijiet kontraenti kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan din il-Qorti, diversament presjeduta, spjega li "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezata u applikata". Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-klawsola li tkun jista biss jigi interpretat b'mod univoku ghaliex hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-ens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-partijiet kollha tal-kuntratt mehudin flimkien **(J Bartolo et vs A Petroni 7.10.1997).**

Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghal kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa important "hu l-qari oggettiv tal-Gudikant li jaghti lil-kliem is-sens ordinarju tieghu fis-sens ta' kif gie uzat mill-kontradenti li ghandu jorbot (**J. Zammit vs Michael Zammit Tabone et noe App.sup. 28.2.1997).**

Hekk ukoll fis-sentenza Gemma Fenech vs John Bugeja deciza fl-20 ta' Ottubru, 2003, inghad li: "tajjeb li jigi osservat ukoll qabel kull kunsiderazzjoni tal-meritu li huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti li meta d-dicitura ta' kuntatt hija wahda cara allura ma huwiex lecitu ghal Qorti li tipprova tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap 16.

Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi 'contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur'. Dan fis-sens li mhux ammess li provi orali jfissru dak li fih innifsu diga huwa car **(Joseph gatt vs Joseph Galea 14.4.1975)** u l-kontraenti ma jkunux jistghu jippruvaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizulta, jew jirrizulta eskluz mill-istess kuntratt (**Vol XXXIX.iii.p.855)** u r-rassenja ta' gurisprudenza f'din is-sentenza kontemplata".

Illi permezz tal-ftehim bejn il-partijiet is-socjeta' konvenuta kellha tipprovdi hija l-materjal ta' riklamar u tat l-awtorizzazzjoni lis-socjeta' attrici li xxandar dawn ir-riklami u tpoggihom kif jidhrilha hi - *the liberty to air and place the adverts in any way they deem fit.*"

Illi oltre dan, fis-sentenza moghtija mill-**Prim Awla tal-Qorti Civili fid-09 ta' April, 1968 fil-kawza Busuttil vs Fedele et** fejn kienet citata s-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc moghtija fid-09 ta' Marzu, 1939 fil-kawza Micallef vs Mamo et noe (Vol XXX>III.433) Il-Qorti qalet hekk:

2..il-kuntratt ta' appalt huwa kuntratt bilaterli u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, l-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhn ukoll essenjzali, li jippruvaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita' taghhom b'mod li ma tibqax tikkorrispondi ghad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-drtt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero' jibqa obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni."

Ikkonsidra ulterjorment

Illi skont il-ftehim ta' appalt bejn il-partijiet ghal servizzi ta' reklamar u a fol 17 skont il-ftehim li ffirmat is-socjeta' konvenuta jghid li: "*The production of any TVC commercial is to be handed by the advertise to Impel Communications at least a week prior the desired air-date to guarantee on-time issuing. Impel have the liberty to air and place the adverts in any way they deem fit.*" L-istess ftehim jghid li x-xoghol ta' reklamar kellha tipprovdih is-socjeta' konvenuta. Li tali ftehim kien ghal tnejn u hamsin spot ta' hmistax-il sekonda kull wiehed u dan ghal hlas ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) plus erba' mija u hamsin ewro (€450) vat total ta' elfejn disgha mija u hamsin ewro (€2,950). Il-ftehim gie ffirmat fis-06 ta' Ottubru, 2014.

Mill-provi jirrizulta li dan ix-xoghol is-socjeta' konvenuta provdiet il-materjal tardivament; u li meta dan it-Tribunal qies il-lanjanzi tas-socjeta' konvenuta kif elenkati f'Dok AT a fol 71 et, huwa jqis li d-difetti li jammontaw ghal disgha (9) minn dawn id-

dokumenti, ma kienux sostanzjali tant li s-socjeta' konvenuta ebda prova ta' telf ta' bejgh ma resqet.

Issa veru li l-ftehim ma kienx jawtorizza lis-socjeta' attrici li tbiddel ix-xoghol ta' reklamar provdut lilha anke jekk kif qed issostni hi li dan ma kienx tort taghha izda ghax il-materjal provdut lilha kien ukoll difettuz izda l-fatt li s-socjeta' konvenuta ma lmentatx li s-socjeta' attrici taghmel tali editing, (Vide l-email tas-27 ta' Frar, 2015 a fol 33 esebit mis-socjeta' konvenuta stess) izda ilmentat ghal mod kif sar tali editing, iwassal lil dan it-Tribunal jikkonkludi li s-socjeta' attrici ma kellhiex tort f'dak li gara. U kieku s-socjeta' attrici provditilha l-materjal fil-hin u mhux difettuz kieku ma kienx jigri dak li gara. Ghaldaqstant is-socjeta' attrici ma ghandhiex issoffri danni.

Rigward il-quantum, ma ngabet ebda prova li kien sar pagament akkont mis-socjeta' konvenuta jew li saret forma ta' tpacija ghal fornitura li s-socjeta' konvenuta allegat li ssupplixxiet lis-socjeta' attrici u ghalhekk hija tista biss tikkunsidra l-ammont mitlub u ma tidholx fil-kwisjtoni kif dan gie ridott mis-socjeta' attrici tenut kont li t-talba mhix ghal bilanc ta' somma akbar izda ghal hlas ta' servizzi moghtija skont il-ftehim tas-06 ta' Ottubru, 2014.

Dan it-Tribunal ghalhekk qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' it-talba tas-socjeta' attrici u jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u sebgha u hamsin ewro u tnejn u disghin centezmu (€2,857.92c) vat inkluz bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza.

Spejjez a karigu tas-socjeta konvenuta.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**